MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2771/2002

**M.M.S Ltd**

**Vs**

**Anthony Attard**

**It-Tribunal**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru, 2002 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm924 (disgha mija u erbgha u ghoxrin lira maltin) bhala bilanc fuq somma akbar rapprezentanti hlas ghall-garr ta' merkanzija bil-bahar.**

**Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' disa' mija ergha u ghoxrin lira maltin (Lm924) bilanc fuq somma akbar rapprezentanti hlas ghall-garr ta' merkanzija bil-bahar konsistenti fi**

**zwiemel, li ngabu Malta mit-Tunisia buq il-vapur MV Carinthia fis-17 ta’ Ottubru, 2002.**

**Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma fuq indikata ta’ disa’ mija erbgha u ghoxrin lira maltin (Lm924.00).**

**Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri legali tat-30 ta’ Ottubru, 2002 kontra l-konvenut li minn issa jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni tieghu.**

**Ra r-risposta fejn intqal illi l-konvenut tirrespingi t-talbiet attrici minhabba li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt;**

**Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut kellu jerfa’ spejjes ammontanti ghal disgha mija u erbgha u ghoxrin lira maltin (Lm924) minhabba fin-nuqqasijiet da parte ta’ l-attur;**

**Illi minhabba fi hsara fil-vapur, l-istess vapur telaq tard mit-Tunezija, u l-merkanzij li kienet tikkonsisti fi zwiemel, kellhom tigu fornuti bl-ikel u l-ilma;**

**Illi dan l-ezercizzju sewa disgha mija u erbgha u ghoxrin lira maltin (Lm924) liema ammont ma thallasx mill-attur, izda m’ghandux jigi sopportat mill-konvenut;**

**Illi l-ammont mitlub ghandu jigi pacut ma’ l-ammont mitlub mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu u ghalhekk il-konvenut m’ghandux ibati ebda spejjez in konnessjoni ma’ din il-kawza.**

**Illi minhabba nuqqasijiet fil-vapur gestit mis-socjeta’ attrici, 83 (tlieta u tmenin) ziemel propjeta’ tal-konvenut thallew gewwa Tunez ghall-perjodu ta’ tlett ijiem;**

**Illi l-konvenut kellu jsofri s-somma ta’ elfejn u mitt dollaru amerikan cjoe’ disgha mija u erbgha u ghoxrin lira maltin (Lm924);**

**Illi dan l-ammont kien fir-rigward ta' ghalf u ilma ghal 83 (tlieta u tmenin) ziemel, ghal perjodu ta' tlett ijiem;**

**Bl-ispejjes legali u gudizzjarji kontra s-socjeta' attrici.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba fejn ir-ragunijiet li ta kienu illi t-talba tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispjejjes u dana stante illi mhux minnu illi l-vapur telaq tard mit-Tunezija kif giet allegat fir-risposta u fil-kontra-talba tal-konvenut.**

**Illi kif ser jirrizulta mill-provi l-vapur wasal it-Tunezija fl-14 ta' Ottubru, 2002 fil-21.30, berthed fil-15 ta' Ottubru 2002 fis-7.40 u telaq mit-Tunezija fil-15 ta' Ottubru, 2002 fit-20.00. Il-vapur wasal Malta fis-17 ta' Ottubru, 2002 fis-01.40 ta' filghodu.**

**Salv eccessjonijiet ohra.**

**Illi t-talbiet tal-konvenut huma infundati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes u dana stante illi s-socjeta' attrici mhix responsabbli ghal kwalsiasi danni illi seta' sofra l-konvenut.**

**Illi mhux minnu illi l-vapur telaq tard mit-Tunezija kif gie allegat mill-konvenut fir-risposta u fil-kontro-talba tieghu.**

**Illi kif ser jirrizulta mill-provi, l-vapur wasal it-Tunezija fl-14 ta' Ottubru, 2002 fid-21.30, berthed fil-15 ta' Ottubru 2002 fit-7.40 u telaq mit-Tunezija fit-20.00.**

**Illi l-vapur wasal Malta fis-17 ta' Ottubru fis-1.40 ta' filghodu.**

**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.**

**Ikkonsidra**

**Illi l-konvenut jirrifjuta jista' li jhallas il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici tal-ammont pattwit – minhabba li l-vapur ittardja kien wasal Sousse fit-Tunesija u nkorra xi spejjes ta' karigg u ikel ghall-annimali.**

**Huwa jallega hsara fl-istess vapur li kellu jgorr l-istess annimali. Dall'altra parte, gie pruvat mis-socjeta' attrici li d-dewmien kien kagunat minn maltemp li gieghel lill-istess vapur jiehu prekawzjoni li jistkennu sakemm il-bahar ikun kapaci li jigi traversat u di fatti hekk sar!**

**Jirrizulta li l-vapur zgur ma kellux kontroll fuq materja ta' meterologija. Dan l-event gie impost fuq il-vapur u ma jistax jigi ritenut responsabbli ghalih billi ma jkunx involut fis-successjoni tieghu.**

**Illi l-konvenut naqas li jipprova l-allegazzjoni tieghu, li il-vapur ittardja minhabba hsara; dina ma tirrisulta minn imkien. Inoltre r-ricevuti minnhu esebiti jistghu jigu interpretati bhala konfliggenti. Wahda tindika ikel u l-ohra aktar specifika bil-kapijiet ta' spejjes maghmula. Ancorke dawn l-ispejjes saru, jirrizulta li ma kenux dovuti ghal xi nuqqas tas-socjeta' attrici.**

**Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad il-kontro-talba tieghu – jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-istess kontro-talba u jikkundannah ihallas is-somma ta' disgha mija, erbgha u ghoxrin lira (Lm924) bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------